

Brussell, 31 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7830/26

DELECT 62
AGRILEG 73
VETER 45

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 903 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'27.3.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 rigward il-programmi ta' eradikazzjoni u l-istat ta' ħelsien mill-mard għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 903 final.

Mehmuż: C(2026) 903 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2026
C(2026) 903 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.3.2026

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 rigward il-programmi ta' eradikazzjoni
u l-istat ta' ħelsien mill-mard għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2016/429¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") jistabbilixxi regoli dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u r-regoli dwar ir-reqwiżiti tas-saħħa tal-annimali għal movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689² jissupplimenta r-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali fir-rigward tal-programmi ta' eradikazzjoni u l-ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat inkluż l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (BTV, bluetongue virus) (is-serotipi 1-24) ("infezzjoni bil-BTV").

L-infezzjoni bil-BTV kienet marda tal-kategorija C, kif previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882³ u, bħala tali, kienet soġġetta għal programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi biex jinkiseb il-ħelsien minnha f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429.

L-infezzjoni bil-BTV ġiet ikkategorizzata mill-ġdid għal marda tal-kategorija D bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/169⁴ li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/169 għandu japplika mill-15 ta' Lulju 2026. Fost implikazzjonijiet oħra, din il-kategorizzazzjoni mill-ġdid timplika li r-regoli għall-programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi tal-BTV u l-ħelsien mill-mard ma għadhomx rilevanti peress li japplikaw biss għall-mard tal-kategorija C. Għalhekk, dan l-att se jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 kif xieraq billi jneħħi d-dispożizzjonijiet dwar il-programmi ta' eradikazzjoni tal-infezzjoni bil-BTV u dwar il-ħelsien mill-infezzjoni bil-BTV.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-membri tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa tal-Annimali (E00930) dwar il-kontenut tal-abbozz ta' Regolament Delegat f'laqgħat li saru fit-30 ta' Settembru 2025 u fl-4 ta' Novembru 2025.

L-abbozz tar-Regolament Delegat sar disponibbli wkoll għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill. Ma wasal l-ebda kumment mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Saru diversi skambji u laqgħat oħra mal-partijiet ikkonċernati kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fejn ġew diskussi l-ixprunaturi u l-elementi rilevanti rigward l-iskop u l-kontenut tal-abbozz tal-att delegat.

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/689/oj).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/169 tas-26 ta' Jannar 2026 li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 dwar il-kategorizzazzjoni tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) bħala marda elenkata (ĠU L, 2026/169, 27.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/169/oj).

3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat irid jiġi adottat fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u b'mod partikolari skont l-Artikolu 31(5), l-Artikolu 32(2), l-Artikolu 39 u l-Artikolu 41(3) tiegħu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.3.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 rigward il-programmi ta' eradikazzjoni u l-istat ta' ħelsien mill-mard għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(5), l-Artikolu 32(2), l-Artikolu 39 u l-Artikolu 41(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmess lill-annimali jew lill-bnedmin. B'mod partikolari, il-Parti II, il-Kapitoli 3 u 4, ta' dak ir-Regolament, tistabbilixxi regoli dwar il-programmi ta' eradikazzjoni u l-istat ta' ħelsien mill-mard.
- (2) Barra minn hekk, l-Artikolu 4, il-punt (18) tar-Regolament (UE) 2016/429 jiddefinixxi "mard elenkat", u l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament jipprevedi li r-regoli speċifiċi dwar il-mard iridu japplikaw għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard elenkat, inkluż l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (BTV, bluetongue virus) (is-serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV).
- (3) Barra minn hekk, l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jridu jiġu applikati għal kategoriji differenti tal-mard elenkat. Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882² jikkategorizza kull marda elenkata bħala marda A, B, C, D jew E, li hija soġġetta għar-regoli speċifiċi dwar il-mard korrispondenti msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (a) sa (e), tar-Regolament (UE) 2016/429. L-infezzjoni bil-BTV ġiet ikkategorizzata bħala marda tal-kategorija C+D+E, kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. Għaldaqstant, kienet soġġetta għar-regoli speċifiċi dwar il-mard imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (c), (d) u (e), tar-Regolament (UE) 2016/429.
- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689³ ġie adottat fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u jissupplimenta r-regoli dwar il-programmi ta'

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj>.

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-

eradikazzjoni u l-ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat, stabbiliti f'dak ir-Regolament. Waħda mir-regoli speċifiċi dwar il-mard għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjoni bil-BTV hija l-implimentazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi. Id-dispożizzjonijiet għall-programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi għall-infezzjoni bil-BTV huma stabbiliti fil-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u fl-Anness V, il-Parti II tiegħu. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar l-għoti u ż-żamma tal-istat ta' ħelsien mill-mard fir-rigward tal-infezzjoni bil-BTV huma stabbiliti fil-Parti II, il-Kapitolu 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, kif emendat reċentement bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/169⁴, jikkategorizza mill-ġdid l-infezzjoni bil-BTV bħala marda tal-kategorija D+E. Din il-kategorizzazzjoni mill-ġdid tfisser li r-regoli għall-programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi tal-BTV u għall-istat ta' ħelsien mill-mard stabbiliti fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 12, fl-Artikoli 37 sa 45, fl-Artikolu 66, fl-Artikolu 70, fl-Artikolu 72, fl-Artikolu 81 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u fl-Anness V, il-Parti II tiegħu ma għadhomx rilevanti, peress li japplikaw biss għall-mard tal-kategorija C. Għalhekk, jenħtieġ li dawk ir-regoli jitħassru minn dawk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.
- (6) Għalhekk, peress li l-emendi li saru fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/169 dwar il-kategorizzazzjoni l-ġdida tal-infezzjoni bil-BTV bħala marda tal-kategorija D+E japplikaw mill-15 ta' Lulju 2026, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll minn dik id-data.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2, jitħassru l-punti (17), (18) u (30);
2. Fl-Artikolu 12(1), jitħassar il-punt (c)(iii);
3. Fil-Parti II, fil-Kapitolu 2, titħassar it-Taqsima 4;
4. Fl-Artikolu 66, jitħassar it-tielet inċiż tal-punt (a)(iv);
5. Fl-Artikolu 70(3), jitħassar il-punt (b);
6. Fl-Artikolu 72, jitħassar il-punt (h);
7. Fl-Artikolu 81(3), jitħassar il-punt (h);
8. Fl-Anness V, titħassar il-Parti II.

sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/689/oj).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/169 tas-26 ta' Jannar 2026 li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 dwar il-kategorizzazzjoni tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) bħala marda elenkata (ĠU L, 2026/169, 27.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/169/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27.3.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN